**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 39/14(26_11_14).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Novembru 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Robert Mallia - Kunsillier u s-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Assenti kien hemm is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-19 ta' Novembru 2014.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.
6. Memo 27/2014 Skema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-15.
7. Il-Munxar Day 2014.
8. Attivitajiet Milied 2014.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 27/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 28/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva żewġt ittri mingħand il-Moviment Kerygma rigward il-'Premju Żagħżugħ tas-Sena 2014'.

2.04 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali l-Aġenda tal-laqgħa tas-Sindki tas-7 u tat-8 ta' Novembru 2014, fil-Calypso Hotel, Marsalforn.

2.05 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva l-formola għan-nominazzjoni - Premju Soċjetà Ġusta 2014.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairperson/Musical Director* ta' Sinfonia-where music is at hearts rigward il-kunċert klassiku 'Concerto a Corda', fid-29 ta' Novembru 2014, f'Aurora Opera House, Victoria.

2.07 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) għall-Konferenza Nazzjonali 'Id-Deċiżjoni Tiegħi, Il-Futur Tiegħi', fit-3 ta' Diċembru 2014, fil-Lukanda Radisson Blu Resort & Spa, Għajn Tuffieħa. Il-Kunsill irċieva wkoll il-programm tal-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità 2014 (mit-3 sal-10 ta' Diċembru 2014) u l-*poster* sabiex jitwaħħal f'post prominenti.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Communications Coordinator fis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva fejn qed iwassal stedina mingħand is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Justyne Caruana għat-tnedija uffiċjali tal-Politika Nazzjonali għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, fit-3 ta' Diċembru 2014, fl-Università ta' Malta.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva lment mingħand residenta tax-Xlendi dwar il-*bring in site* li hemm fil-*Parking* tax-Xlendi. Din il-persuna qed tilmenta li qed ikun hemm oġġetti barra l-iskips. Qed tissuġġerixxi li l-Kuntrattur inaddaf aktar ta' spiss u jaħsel bid-disinfettant. Talbet lill-Kunsill biex javża lill-istabbilimenti tal-ikel sabiex ma jarmux oġġetti hemm. Dwar din il-problema, din il-persuna ltaqgħet mas-Sindku fuq il-post.

3.02 Il-Kunsill irċieva lment mingħand l-istess persuna li lmentat dwar 3.01. Din qed tilmenta minħabba li l-ħbula u bogi tas-*swimming zone* tal-Bajja tax-Xlendi tneħħew fl-1 t'Ottubru 2014. Issa peress li għadu jagħmel il-bnazzi, qed ikun hemm diversi persuni jgħumu u peress li ma hemmx *swimming zone*, qed ikun hemm il-periklu mill-opri tal-baħar u qed titlob sabiex is-*swimming zone* terga' ssir ta' lanqas sal-aħħar ta' Novembru.
Din is-*swimming zone* dejjem saret minn Transport Malta.

3.03 Il-Kunsill irċieva lment mingħand sid ta' *restaurant* li qed fi Triq Sant'Indrija, Ix-Xlendi. Din il-persuna qed tilmenta dwar ħmieġ tal-għasafar li qed ikun hemm fis-siġra tat-triq u għaldaqstant hemm bżonn li din is-siġra tinżabar.

3.04 Il-Kunsill irċieva avviż mingħand Transport Malta fejn qegħdin jinfurmaw li fil-perjodu bejn l-20 ta' Diċembru 2014 u t-2 ta' Jannar 2015 ma jistgħux isiru xogħlijiet f'toroq, mingħajr l-approvazzjoni tagħhom u li huma mhux ser joħorġu permessi li l-perjodu tax-xogħol tagħhom jaħbat f'dawn id-dati. Xogħlijiet għaddejjin li mhux ser ikunu lesti sad-19 ta' Diċembru 2014, għandhom jiġu miżmuna matul dan il-perjodu, sakemm mhux approvat. Is-siti għandhom jitħallew magħluqin tajjeb b'irpar adekwat, imnaddfa minn materjal żejjed u ostakli oħra, mixgħula b'mod li l-irpar ikun viżibbli u l-ebda makkinarju m'għandu jitħalla fis-sit.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand persuna li għandha l-proprjetà fi Sqaq l-Isdieri, Il-Munxar fejn qed jilmenta li għadda żmien biżżejjed sabiex issir il-katusa flok it-toqba li kienet eżistenti żmien ilu sabiex jimtlew il-bjar eżistenti inkluż dan tiegħu. Dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tas-CMU u għandu jibda fil-ġranet li ġejjin.

3.06 Il-Kunsill irċieva r-rotta tal-Eċċellenza Tagħha, il-President ta' Malta bil-ħinijiet u l-lokalitajiet li ser iżżur minħabba l-attività L-Istrina 2014.

3.07 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' proprjetà fi Triq San Pawl, Il-Munxar, fejn qed jitlob li jitranġa ċint ta' bankina sabiex ma jibqax jidħol ilma tax-xita għal ġol-proprjetà tiegħu. Kien hemm qbil dwar dan.

3.08 Il-Kunsill irċieva talba mingħand l-istess persuna li għamel talba 3.07. Huwa qed jitlob ukoll li l-Kunsill jagħlaq fetħa li hemm qrib u jiftaħ fetħa oħra aktar 'l isfel mat-triq (il-ġdida) li tagħti għall-wied.
Xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ qed isir mit-Taqsima tas-CMU u għalhekk din il-persuna ġie mitlub jirreferi t-talba tiegħu lit-Taqsima tas-CMU.

3.09 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* li persuna mill-Munxar bagħtet lil Eco-Gozo rigward materjal li qed jintefa' f'passaġġ li jagħti minn Triq San Pawl. Dan il-materjal intefa' sabiex jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ u ġejna infurmati li materjal li ma jintużax jerġa' jitneħħa.

3.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Action Group fejn qed jistiednu rappreżentant tal-Kunsill sabiex jattendi għal-Laqgħa Ġenerali Annwali. L-Aġenda hija mehmuża mal-ittra.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 39/14(26_11_14).

Peress li kienu saru t-8.25 ta' filgħaxija ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar l-Erbgħa, 3 ta' Diċembru 2014, fil-5.30 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

**Joseph Sultana** — ***Sindku.***

**Anthony Grech** — ***Segretarju Eżekuttiv.***